# Bażilika ProtoParrokkjali San Ġorġ Martri

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex | t: 2155 6377 | e: info@sangorg.org | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/SanGorg | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00MHz FM Stereo] | t: 2156 5207


## GĦAX NAGĦMLU HEKK? *Il-ġesti tal-Kristjan (4)*

### IT-TQARBIN FL-IDEJN

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET

Meta nitilgħu biex nitqarbnu, hemm min jilqa' l-Ġisem ta' Kristu direttament f'ħalqu u hemm min jilqgħu f'idejh. Dawn iż-żewġ modi huma aċċettati.

Iżda hawn min jaħseb li l-idejn mhumiex post denju għal Sid il-ħajja u għalhekk jarawha bħala nuqqas ta' rispett jew devozzjoni. Imma tajjeb naħsbu ftit: jekk dan Alla lest jitħallat mal-bżieq u jidħol fl-istonku tal-bniedem, se nkunu qed nonqsuh mir-rispett u l-fidi jekk nitqarbnu f'idejna? Kollox jiddependi mid-dispożizzjoni personali. Sas-seklu għaxra t-tqarbin kien isir biss fl-idejn.

Il-kittieba u l-Missirijiet tal-bidu tal-Knisja jgħallmuna li l-idejn fuq xulxin huma bħal simbolu tat-tron tas-Salib, lesti li jilqgħu fihom lil Alla fl-Ewkaristija.

*Għalhekk, kulħadd għandu jersaq b'għajnejh baxxuti u idejh merfugħa 'l quddiem. L-għajnejn baxxuti jesprimu l-qima u b'dan il-mod il-Kristjan jistqarr li qed jirċievi l-Ġisem tal-Mulej... L-idejn merfugħa juru l-kobor tar-rigal li se jirċievu. Il-pala tal-id il-leminija tilqa' l-offerta tal-Ġisem, imma taħtha titpoġġa l-pala tal-id ix-xellugija. Filwaqt li jagħti t-tqarbin, iċ-ċelebrant jgħid: "Il-Ġisem ta' Kristu". Din il-kelma twasslek biex ma tibqax fuq l-apparenza, imma biex f'qalbek temmen li permezz tal-Ispirtu s-Santu, il-ħobż verament sar il-Ġisem ta' Kristu* (Teodoru ta' Mopswestia, seklu erbgħa). *U int twieġeb: "Ammen", "Iva, hekk hu". U hekk tgħożż f'qalbek dak li għaraft permezz tal-kliem* (San Ambroġ).



Għeżież, kemm hu importanti li filwaqt li ma naqgħux fi skrupli żejda, ma nkunux laxki, iżda ngħixu b'fidi u qima kbira l-mument tat-tqarbin sa mill-purċissjoni li nagħmlu lejn is-saċerdot, il-mument li nilqgħuh f'idejna u b'devozzjoni npoġġuh f'ħalqna, il-purċissjoni lura lejn postna, kif ukoll il-mument ta' ringrazzjament.

Meta nagħmlu purċissjoni tal-Ewkaristija, noħorġu l-isbaħ ostensorju tad-deheb u baldakkin. Iżda kemm nindunaw li kull persuna li ħierġa wara l-quddiesa qed tagħmel purċissjoni tal-Ewkaristija f'ħajjitha? Kemm aħna ridikoli u bla fidi li hekk kif nitqarbnu jkollna seba' mitt sena biex naħarbu 'l barra, anki qabel tispiċċa l-quddiesa!



INKOMPLU NITGĦALLMU MILL-QUDDIESA

### IL-KREDU

Wara l-omelija, hemm ħin ta' skiet li jippermetti ż-żerriegħa li rċivejna tinżel u toqgħod fir-ruħ, biex minnha jitnisslu proponimenti li nagħmlu dak li l-Ispirtu jkun issuġġerixxa lil kull wieħed u waħda minna. Is-skiet ta' wara l-omelija. Hemmhekk għandu jkun hemm daqsxejn ta' skiet ħelu u kulħadd jaħseb f'dak li għadu kemm sema'. Wara dak is-skiet, kif tkompli l-quddiesa? It-tweġiba personali tal-fidi ssir parti mill-*istqarrija tal-fidi* tal-Knisja, espressa fil-*Kredu*. Aħna lkoll nistqarruh il-Kredu fil-quddiesa. Meta tgħidu l-ġemgħa kollha flimkien, is-Simbolu juri fid-dieher it-tweġiba komuni għal dak li flimkien inkunu smajna mill-Kelma ta' Alla (ara *KKK*, 185-197). Hemm rabta ħajja bejn is-smigħ u l-fidi. Huma magħqudin flimkien. Din – il-fidi –, fil-fatt, ma titwelidx mill-fantasija ta' mħuħ il-bnedmin imma, kif ifakkar San Pawl, "tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu" (Rum 10:17). Il-fidi, għalhekk, insaħħuha bis-smigħ u twassal għas-Sagramenti. Hekk, l-istqarrija tal-Kredu tgħin lill-ġemgħa liturġika biex "terġa' lura għall-meditazzjoni u l-istqarrija tal-misteri kbar tal-fidi, qabel iċ-ċelebrazzjoni tagħhom fl-Ewkaristija" (*Ordni ġenerali tal-Missal Ruman*, 67).

*Il-Papa Franġisku*

**HARĠA GĦALL-ANZJANI**

Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Frar se ssir ħarġa għall-anzjani fin-Nadur. Ikun hemm quddiesa fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, imbagħad immorru r-Ristorant *Ir-Rabokk*. Tluq minn Pjazza Santu Wistin u l-Bus Terminus fis-6.00pm. Prezz: €10. Ċemplu lil Antida Gatt: 99991876 jew 21551876.

INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES

| | |
|---|---|
| 17-02-2019 | Ġorġ u Mary Rose Pisani |
| 18-02-2019 | Il-Kan. Ġwann Scicluna |
| 19-02-2019 | Il-Familja Tabone-Galea |
| 20-02-2019 | Ġorġ, Michael u Ġużeppa Tabone |
| 21-02-2019 | Francis Cutajar |
| 22-02-2019 | Ġużeppi Muscat u l-Familja Cassar |
| 23-02-2019 | Frances Micallef |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM